MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru. 826/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**PETER ZERAFA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER ZERAFA** bin Michael w Adeodata nee Camilleri imwieled nhar s-sitta ta’ Dicembru 1957 u residenti 110, Triq Mikelang Mizzi, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 68357G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ewwel ta’ Awissu 2006 ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta’ filghodu fil-bajja tar-Ramla l-Hamra, limiti tax-Xaghra, Ghawdex;

1. bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-permess ta' mobile kiosk 'on a fixed site', pogga jew ippermetta li jitpoggew ghamara ohra fuq barra tal-istabbiliment turistikuminghajr licenzja minn awtorita kompetenti;

2. talli naqas li jaghmel applikazzjoni lis-sezzjoni Licenzji tal-Kummerc biex tinnomina lil xi hadd biex jaghmel ta' sostitut tieghu meta ma jkunx ghal xi zmien kapaci jiggestixxi dik l-attivita;

3. talli kiser l-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-okkorrenza relattiva, kopja tal-permess u site plan esibiti minn Gordon Grech bhala rappresentant tal-MEPA, kif wkoll l-affidavits ta' PC 1005 Mario Cordina u ta' PS 676 Edelon Spiteri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Doctor Joseph Grech bhala rappresentant tal-MTA, lil Twanny Catania bhala rappresentant tal-Lands Department u lil rappresentant tal-MEPA.

Semghet lil Dottor Anton Refalo jiddikjara li l-offiza tikkoncerna reat dwar l-kiri ta' umbrellel u deckchairs minn fuq truck li kien barra r-ramel fil-bajja tar-Ramla w inoltre l-imputat ghandu kirja mill-Lands Department dwar fixed kiosk li qieghed fl-area skedata tal-istess bajja liema fixed kiosk gie mikri lil Paul Said.

Ikkunsidrat:

Illi nhar il-hmistax ta' Dicembru 2006, xehed Dottor Joseph Grech ghan-nom tal-Malta Tourism Authority li stqarr li l-imputat ghandu permess registrat f'ismu mahrug minn din l-Awtorita dwar kiri ta' deckchairs w umbrellel valida sal-wiehed u tletin ta' Dicembru 2006 *on a fixed site*.

Rat l-affidavits ta' PC 1005 Mario Cordina u ta' PS 676 Edelon Spiteri. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat fl-ewwel ta' Awissu 2006, kien r-Ramla u jew pogga jew ippermetta li titpoggi ghamara ohra fuq barra tal-istabbiliment turistiku minghajr licenzja minn awtorita kompetenti. Illi dawn z-zewg affidavits jitkellmu biss dwar dak li ghamel Paul Said u Emanuel Portelli.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2007, xehed Gordon Grech bhala rappresentant tal-MEPA w esibixxa koppja tal-permess mahrug f'isem l-imputat li gie mmarkat bhala document GG u site plan li giet mmarkata bhala document GG 1 w iddikjara li l-imputat ghandu l-permessi kollha necessarji ghal kiri tad-deckchairs.

Xehed wkoll fl-istess seduta Twanny Catania bhala rappresentant tal-Lands Department u stqarr li dak d-dipartiment ma johrogx licenzji ghal kiri ta' deckchairs pero qal li min jikri deckchairs fuq art pubblika ghandu bzonn permess jew ahjar licenzja kummercjali ghal tali attivita.

Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 28(1) tal-Avviz Legali numru 102 tas-sena 2002, tapplika biss ghal hawkers u mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kien qed jopera bhala xi hawker jew innomina lil xi hadd biex jaghmilha ta' sostitut tieghu bhala hawker w ghalhekk mhux applikabbli ghal kaz in dezamina.

**Ghaldaqstant il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi 15(1) u 28(1) tal-Avviz Legali 128 tas-sena 2002, w r-regolament 2 tal-Avviz Legali 409 tas-sena 2004 **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat PETER ZERAFA hati tal-ewwel [1] w it-tielet [3] akkuza kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni [2] akkuza stante li mhux applikabbli ghal kaz**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------